SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 49/K8/18

Data tal-laqgħa: 09 ta' Awwissu 2018

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi-Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Edgar Montanaro - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (1)**

Il-Kunsiller Clayton Tanti Gregoracy – Inc. 5835/2018

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (1)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

49.1.01 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni

**49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

49.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 48/K8/18 għall-approvazzjoni.

49.2.02 Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 48/K8/18.

49.2.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah fl-approvazzjoni ta' Minuti 48/K8/18.

49.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

49.2.05 Saret riferenza għall-48.2.05, iċ-Ċermen talab li ssir stqarrija jew tittela' fuq il-Facebook tal-Kunsill fir-rigward Ġnien Dun Anton Sciberras. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintbagħat ittra lis-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Ippjanar l-Onor. Chris Agius MP u tintbagħat kopja tagħha lis-Sur James Piscopo ic-CEO ta' l-Awtorita' ta' l-Artijiet.

49.2.06 Saret riferenza għall-48.2.07 dwar ir-*road markings* li ma sarux min-naha tat-Transport Malta ġewwa Paceville dawn qed isiru min-naħa tal-kuntrattur tagħna.

49.2.07 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar jekk l-Perit kellimx lil ta' Tikka Flats, fi Triq il-Kbira, s-Segretarju spjega li għandha qed nistennew ir-rapport min-naħa tal-Perit. Is-Segretarju ser jerġa' jkellem lill-Perit min-naħa tiegħu sabiex tittieħed l-azzjoni neċessarja.

49.2.08 Għandha tintbagħat ittra lill-Enemalta, lill-Go u lill-Melita sabiex issir laqgħa magħhom biex niddiskutu l-problema li hemm bl-arbli fi Triq Lapsi.

49.2.09 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg talab jekk kienx hemm żvillup dwar 48.2.10 dwar il-platform li hemm fi Triq Gort. Huwa ġie

nfurmat li s'issa għad m'għandniex risposta. Għaldaqstant ser jerġa' jintbagħat reminder fuqha.

49.2.10 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt dwar Zammit Clapp u spjega li s-sitwazzjoni għadha kif inhi. Iċ-Ċermen talab li tintbagħat ittra lid-Dipartiment tad-dranaġġ sabiex naraw meta ser issir it-triq minħabba li qed ikun hemm ħafna trab.

49.2.11 Iċ-Ċermen talab jekk kienx hemm żvilluppi dwar l-*open gym*, is-Segretarju spjega li kellha ssir laqgħa iżda s'issa din għadha ma saritx.

49.2.12 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg talab jekk kienx hemm żvillupi dwar il-bagi, huwa ġie nfurmat li min-naħa tal-Kunsill bagħtna l-ittra u kien hemm acknowledgement.

49.2.13 Iċ-Ċermen spjega li t-tender tal-perit għalaq u kien hemm qbil li jiġi mġedded għal tlett xhur oħra. It-tender il-ġdid li l-proposta tiegħu ġiet imressqa mis-Segretarju Eżekuttiv ser jkun maqsum fi tnejn:

1. Servizz ta' perit kif ukoll *works manager* għal xogħol infrastrutturali.

2. Servizz ta' *works supervisor* għall-kuntratti kollha li għandu l-Kunsill ħlief dawk ta' xogħolijiet infrastrutturali. Il-Kunsilliera setgħu jaraw dawn il-proposti u jagħmlu s-suġġerimenti tagħhom sa ġimgħa qabel il-laqgħa li jmiss fejn ser jitressqu dawn iż-żewġ dokumenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

49.2.14 Il-Kunsillier Martin John Sultana dwar l-affarijiet li kien hemm ħdejn is-Saddles, huwa ġie nfurmat li dan tneħħa.

**49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

49.3.01 Iċ-Ċermen spjega li l-Monument tal-Gwerra sar, u ser isir l-inawgurazzjoni tiegħu fl-24 ta' Awwissu 2018 wara l-quddies tas-6.00p.m. Din l-attivita' ser issir b'kollaborazzjoni mad-Dillettanti Għaqda Knisja ta' Lapsi.

49.3.02 Iċ-Ċermen spjega dwar il-bust Ġużi Tanti hu spjega li ħareġ il-permess min-naħa tal-MEPA, dan qiegħed jiġi ppjanat li jiġi inawgurat fil-31 ta' Awwissu 2018.

49.3.03 Is-Segretarju spjega li t-tender tal-*public convenience* għalaq, dan it-tender ser jiġi mġedded għal sitt xhur oħra.

49.3.04 Saret sospensjoni tal-laqgħa sabiex ir-resident li kien preżenti jkun jista' jitkellem dwar Triq Birkirkara.

49.3.05 Il-laqgħa tkompliet fis-6.05p.m.

49.3.06 Is-Segretarju spjega li kellmuh min-naħa ta' l-*Street Naming Committee* dwar Triq Patrick Brydone minħabba li din it-triq hija maqsuma fi tnejn. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li parti minnha tiġi msemmija għas-Sur Charles Sciberras l-ewwel Sindku tal-Kunsill Lokali kif ukoll li t-taraġ Scicluna jiġi msemmi għas-Sur Joe Attard Kingswell. Kien hemm suġġeriment ukoll li l-Kunsill għandu jidentifika triq possibilment f'Ta' Ġiorni biex tiġi msemmija għal Dr. Patrick Holland.

**49.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

49.4.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

**49.5 Preparamenti tal-Festa;**

49.5.01 Ser ikun hemm s-servizz ta' 16 il-gwardjan lokali ghal waqt il-festa ta' San Giljan.

49.5.02 Ser isiru mobile toilets.

49.5.03 L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill ser ikun magħluq l-għada tal-Festa jiġifieri t-Tnejn 27 ta' Awwissu 2018.

**49.6 Talbiet żgħar;**

**49.6.01 Email mingħand l-Eden Leisure Group dwar Zebra crossing – Gay Pride Eden (Inc. 5340/18);**

49.6.01.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Eden Leisure Group dwar Zebra crossing – Gay Pride Eden. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

**49.6.02 Email mingħand il-European Disability Forum dwar We need your support in disseminating the Access City Award (Inc. 5359/18);**

49.6.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-European Disability Forum dwar We need your support in disseminating the Access City Award. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma japplikax għaliha.

**49.6.03 Email mingħand il-Covenant of Mayors rigward Convenant City in the Spotlight: 1st call for application (Inc. 5378/18)**

49.6.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Covenant of Mayors rigward Convenant City in the Spotlight: 1st call for application. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din ser jiddeċidi s-Sindku jekk imurx jew le.

**49.6.04 Email mingħand ir-refablightblue partnership (Inc. 5422/18);**

49.6.04.01 Saret riferenza għall-email mingħand ir-Refablightblue Partnership. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ser jibqa bid-deċiżjoni li kien ħa qabel jiġifieri dawn il-bins jibqgħu ħdejn il-*bring in sites* biss u għalhekk ser jiġi ffirmat kuntratt ġdid.

**49.6.05 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Ċirkulari – Skema dwar Restawr ta' Postijiet Monumenti Storiċi 2018 (Inc. 5430/18, 5436/18)**

49.6.05.01 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Ċirkulari – Skema dwar Restawr ta' Postijiet Monumenti Storiċi 2018. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tiġi rrestawrata l-istatwa ta' Sant' Anna fil-Pjazza tal-Balluta fejn hemm il-funtana

49.6.05.02 Iċ-Ċermen Guido Dalli ġie skużat fis-6.45p.m. Il-laqgħa tkompliet titmexxa mill-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg.

**49.6.06 Email mingħand il-Convenant of Mayors dwar Twinning programme: New call for application still open (Inc. 5446/18)**

49.6.06.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Convenant of Mayors dwar Twinning programme: New call for application still open. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax.

**49.6.07 Email mingħand l-Avukat tal-Kunsill dwar incident fi Triq Mikiel Anġ Borġ (Inc. 5447/18)**

49.6.07.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Avukat tal-Kunsill dwar incident fi Triq Mikiel Anġ Borġ. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nħallsuħ. Saret riferenza wkoll dwar l-inċident li kien saret ħsara f'vettura ġewwa Triq ta' Ġiorni, ġie deċiż li din titħallas.

**49.6.08 Email mingħand is-Sur Mario Fava dwar it-Town Centre Management Centre (Inc. 5487/18)**

49.6.08.01 Saret riferenza għall-email mingħand s-Sur Mario Fava dwar it-Town Centre Managament li kienet ir-risposta ta' l-ittra li bagħat

is-Segretarju fuq l-istess suġġett. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li s-Sur Mario Fava jigi mistieden għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex tiġi diskussa din il-materja.

**49.6.09 Email mingħand Eduardo Menendez Perez dwar Ioscoot: a new electric motorbike sharing service in Malta. (Inc. 5502/18)**

49.6.09.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand is-Sur Eduardo Menendez Perez dwar Ioscoot: a new electric motorbike sharing service in Malta.

**49.6.10 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/091 – Servizz ta' qbid ta' ħamiem salvaġġ (Inc. 5528/18)**

49.6.10.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/091 – Servizz ta' qbid ta' ħamiem salvaġġ.

49.6.11 **Email dwar European Week for Waste Reduction 2018 (Inc.5541/18)**

49.6.11.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-European Week for Waste Reduction 2018. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ma napplikawx.

**49.6.12 Email mingħand il-Convenant of Mayors – Europe: Your autumn events (Inc. 5579/18)**

49.6.12.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Convenant of Mayors – Europe: Your autumn events. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ma napplikawx.

**49.6.13 Ittra mingħand it-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar dwar PA/07027/17 – Casa Caruana Dingli – Triq il-Kbira, San Giljan (Inc. 5594/18)**

49.6.13.01 Saret riferenza għall-ittra mingħand it-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar dwar PA/07027/17 – Casa Caruana Dingli – Triq il-Kbira, San Ġiljan. Il-Kunsill ġie nfurmat li urejna l-interess li nkunu parti mid-deċiżjoni.

**49.6.14 Email mingħand il-Glamorous Entertainment dwar Miss Malta 2018. (Inc. 5620/18)**

49.6.14.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Glamorous Entertainment dwar Miss Malta 2018. Wara diskussajoni qasira ġie deċiż li nistiednuha għal-laqgħa li jmiss.

**49.6.15** **Email mingħand l-Local Government dwar Invitation to Local Councils to participate in the Pink October Campaign 2018 Letter (Inc. 5710/18)**

49.6.15.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Local Government dwar Invitation to Local Councils to participate in the Pink October Campaign 2018 Letter. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li nixgħelu l-Love Monument.

**49.6.16** **Email mingħand Paragon Europe dwar Urban Challenges – Involvement of St. Julian's Local Council (Inc. 5735/18)**

49.6.16.01 Saret riferenza għall-email mingħand Paragon Europe dwar Urban Challenges – Involvement of St. Julian's Local Council. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ħa nipparteċipaw.

**49.6.17** Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jordna nurmu ta' bankijiet kif ukoll bins biex jitwaħħlu fil-promenade. Il-*Malta Tourism Authority* kienet ser tħallas għall-bankijiet.

49.6.18 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ġie skużat fis-7.20p.m.

49.6.19 Is-Segretarju ressaq ir-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2018 għall-approvazzjoni.

49.6.19.01 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2018.

49.6.19.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

49.6.19.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

**49.07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

49.07.01 Ma kienx hemm minuti ta' Paceville minħabba li l-laqgħa kienet għadha ma saritx.

**49.08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

49.08.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A')

49.08.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

49.08.03 Il-Kunsillier Rita Dimech Portelli ssekondatu.

49.08.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**49.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

49.09.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4491 sa 4511. (Ara Appendiċi 'B')

49.09.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**49.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

49.10.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-6 ta' Settembru 2018 fl-4.30p.m.

49.12.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 06 ta' Settembru 2018